



Tagħrif għan-negozji li se jinkitbu fil-Mini One-Stop Shop (MOSS)

Linji gwida addizzjonali – l-awditjar skont il-MOSS

Regoli ġodda – mill-1 ta' Jannar 2015

Il-provvisti ta' telekomunikazzjonijiet/xandir/servizzi elettroniċi lill-konsumaturi se **jiġu intaxxati fil-pajjiż fejn il-klijent ikun stabbilit** (“l-Istat Membru ta' konsum” jew MSC).

In-negozji jistgħu jagħżlu pajjiż – “Stat Membru ta' identifikazzjoni” (MSI) – biex ikun **il-punt ta' kuntatt uniku** tagħhom għall-identifikazzjoni tal-VAT, is-sottomissjoni ta' denunzji tal-VAT, u l-ħlas tal-VAT dovuta fl-MSCs kollha tagħhom (permezz ta' websajt fl-MSI tagħhom).

Biex il-MOSS ikun sempliċi u faċli kemm jista' jkun biex jirreġistraw fih u jużaw in-negozji, linji gwida fir-rigward tal-awditjar tad-dejta tal-MOSS se jikkomplementaw il-gwida Prattika msemmija hawn fuq (speċjalment għall-SMEs u negozji li mhumiex tal-UE).

Linji gwida għall-awditjar

Peress li d-denunzji tal-VAT tal-MOSS se jinkludu taxxa dovuta f'għadd ta' MSCs, huwa importanti għall-awtoritajiet fiskali nazzjonali li jaqblu dwar:

- kif l-aħjar li **jikkuntattjaw** lin-negozji bħala parti minn awditjar
- il-metodu li għandhom jużaw in-negozji biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa minn awditjar

Għal dan l-għan, ġew żviluppati xi linji gwida dwar l-attivitajiet standard ta' awditjar u kontroll (*dawn huma rakkomandazzjonijiet biss – mhumiex vinkolanti fuq ir-regoli nazzjonali*).

Għal kull linja gwida, hemm lista ta' dawk il-pajjiżi li jkunu qablu li japplikawhom.

Kif għandu jsir il-kuntatt ma' persuni taxxabbli bħala parti minn awditjar

- a. **L-ewwel kuntatt** ma' persuni taxxabbli għandu, fejn possibbli, **jingħadda mill-MSI**. Ladarba jsir kuntatt inizjali, nirrakkomandaw li jintuża metodu skont il-każ

minħabba li f'xi ċirkostanzi jista' jkun meħtieġ **kuntatt dirett bejn MSC** u n-negozju .

Din ir-rakkomandazzjoni hi mingħajr peregudizzju għad-dritt ta' awtorità tat-taxxa ta' MSC biex tagħmel kuntatt dirett ma' persuna taxxabli sabiex tikseb l-informazzjoni elenkata fl- Artikolu 63(c) tar-Regolament (UE) Nru 967/2012 u f'ċerti ċirkostanzi jista' anki jkun neċessarju għal MSC li jagħmel kuntatt dirett ma' negozju għal għanijiet relatati (eż. għal kjarifika addizzjonali relatata ma' dejta diġà riċevuta).

Pajjiżi li se japplikaw din ir-rakkomandazzjoni

BE, BG, DK, EE, ES, FI, HR, IE, LT, LU, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SI, UK.

- b. Il-pajjiżi MSI għandhom jużaw il-proċeduri nazzjonali normali tagħhom meta jikkuntattjaw persuni taxxabli rreġistrati għall-iskema tal-UE fl-MSI. Għandhom jużaw l-email għall-kuntatt inizjali ma' utenti tal-iskema mhux mill-UE rreġistrati f'MSI.

Pajjiżi li se japplikaw din ir-rakkomandazzjoni

BE, BG, CZ, DK, EE, ES, HR, HU, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT,RO, SE, SI, SK, UK.

- c. Fejn ikun hemm kuntatt minn MSC, dan għandu jinbeda permezz ta' indirizz elettroniku ta' kuntatt tal-persuna taxxabli (kemm għal negozji mill-UE kif ukoll għal dawk mhux mill-UE). Peress li din hija sistema elettronika u l-informazzjoni ta' kuntatt prinċipali huwa l-indirizz elettroniku tal-persuna taxxabli, dan għandu jintuża biex jinbeda kuntatt jekk il-persuna taxxabli mhijiex stabbilita fl-Istat Membru li qed jagħmel il-kuntatt.

Pajjiżi li se japplikaw din ir-rakkomandazzjoni

BE, BG, CZ, DK, EE, ES, HR, HU, IE, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SE, SI, SK, UK

Kif titlob informazzjoni mingħand il-kummerċjanti bħala parti minn awditjar


- d. L-aħjar metodu għal skambju ta' informazzjoni għandu jiġi miftiehem bejn il-persuna taxxabli u l-awtorità tat-taxxa u għandu jiddependi fuq liema mezz elettroniċi jkunu disponibbli għat-tnejn li huma.

Possibbiltà hi li jintuża fajl standard tal-awditjar tal-MOSS (SAF-MOSS), f'format xml.

L-Istati Membri jaċċettaw il-format SAF-MOSS (XML) jekk negozju jagħżel li jużah biex iforni t-tagħrif mitlub.

Pajjiżi li se japplikaw din ir-rakkomandazzjoni

AT, BE, BG, CZ, DK, EE, ES, FI, HR, HU, IE, LT, LU, MT, NL, PL, PT, SE, SI, SK, UK

 *Hekk kif ikun lest, is-SAF-MOSS (ibbażat fuq l-informazzjoni li n-negozji huma meħtieġa jżommu skont l- artikolu 63(c) tar-Regolament (UE) Nru 967/2012)) se jkun disponibbli fuq dan is-sit.*